# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1103/07/1 SM**

**Myriam Fenech Adami u skont digriet datat 27 ta' Frar, 2012, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Raphael Fenech Adami, Maria Victoria Tua u Joseph Fenech Adami stante l-mewt ta' Myriam Fenech Adami**

**v.**

**Anna Gatt, xebba, Marie Louise mart Anthony Cutajar, John Gatt, u Rita mart Joseph Camilleri; Jimmy sive John Mary Gatt u Gemma mart Paul Zammt; Maria mart Michael Muscat, Charles Gatt, Pauline mart Joseph Bonello, u Lawrence Gatt; Carmelina Gatt, xebba, Teresa mart Joseph Sant (17448M) u b'digriet tat-8 ta' Ġunju, 2022, *stante* l-mewt ta' Theresa Sant l-atti ġew trasfużi f'isem Joseph Sant (17448M), u wliedu Joseph Sant (402280M) u Stephania Dimech Sant, Milva mart Mario Mallia, Carmen mart Joseph Galea, u Michael Gatt; Francis Gatt; Grace Zammit u b'digriet tal-31 ta' Awwissu, 2017, *stante* l-mewt ta' Grazia sive Grace Zammit l-atti ġew trasfużi f'isem, Anne Vella, Carmen Xuereb, Joseph Zammit, Angelo Zammit, Nazzareno sive Rene Zammit, John Zammit u Aloisus sive Louis Zammit, Joseph Gatt, Philip Gatt, Carmela Fenech, Angelo Gatt, Carmelo Gatt, u**

**Bartolomeo Gatt; Anthony Gatt, u b'digriet tas-17 ta' Ottubru, 2022, stante l-mewt ta' Anthony Gatt fil-mori, l-atti ġew trasfużi f'isem Francesca Saveria Buġeja, Carmel k/a Lino Gatt, Raymond Gatt, Antonia Spiteri u Vincent Gatt, Bartolomeo sive Albert Gatt, Frances Vassallo u b'digriet tat-2 ta' Mejju, 2022, stante l-mewt ta' Frances Vassallo l-atti ġew trasfużi f'isem Anthony Vassallo, Paul-Josef Vassallo Mintoff, Nicolette Borg Vassallo u Roderick Vassallo, Maria Assunta Tombion, (tliet kelmiet miżjuda b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Mejju, 2009), Mario Mintoff, Victor Mintoff, u Maria Concetta Rogers; Natalina Grima, Philomena Grima, Tarcisio Grima, Nazzareno Grima, Doris Micallef u Teresa Zammit; l-Avukat Dottor Ena Cremona; it-Tabib Joseph Xuereb u b'digriet tat-23 ta' Marzu, 2022, *stante* l-mewt tat-Tabib Giuseppi sive Joseph Xuereb, l-atti ġew trasfużi f'isem bintu Daniela Xuereb, AntoineXuereb, l-Avukat Dottor Simon Galea Testaferrata, Camilla Scerri, Maria Zammit, u James Galea Testaferrata; u b'digriet tat-2 ta' Frar, 2009, l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno ġew nominati bħala Kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Maria Azzopardi u Paolina Cini; John Mary Gatt; Emanuel Gatt, Paul Gatt, u John Mary Gatt; Agnes sive Inez Savona, Angelo Bonnici, Carmen Falzon, u Bartolomeo Bezzina, ilkoll imsiefrin u b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2011, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Lara Sammut sabiex tkompli l-kawża minflok Carmen Galea li mietet fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar, 2017, li waqfet milli tisma' l-kawża, wara li laqgħet eċċezzjoni ta' wħud mill-konvenuti illi l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku f'din il-kawża biex jitolbu l-qasma ta' ġid miżmum b'mod komuni minħabba li sabet li l-atturi m'għandhom l-ebda titlu fuq il-ġid li dwaru qed tintalab il-qasma;

***Daħla***

2. B’rikors maħluf tat-22 ta’ Ottubru, 2007, l-attriċi Myriam Fenech Adami fissret li l-Markiż Nicola Mallia Tabone kien il-pussessur ta’ fewdu magħruf bħala tal-Fiddien. Hija tgħid li wara mewtu, il-Markiż Nicola Mallia Tabone ħalla lil oħtu Maria Grazia Mallia Tabone bħala werrieta tiegħu, madankollu l-Kumitat tal-Privileġġi Nobbiljari ta’ Malta kien iddikjara li t-titlu fewdali tiegħu għadda għand il-Markiż Salvatore Caruana Dingli;

3. L-attriċi żżid li bis-saħħa tal-**Att XXX tal-1969**, nofs il-ġid li jifforma parti minn dan il-fewdu għadda favuriha bħala l-werrieta tal-Markiż Salvatore Caruana Dingli; filwaqt li n-nofs l-ieħor għadda għand uħud mill-konvenuti bħala l-werrieta ta’ Maria Grazia Mallia Tabone. Peress li l-attriċi ma xtaqitx tibqa’ f’komunjoni mal-konvenuti hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *“i. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-proprjetà spettanti fit-titolu fewdali tal-Markeżat u Fewdu tal-Fiddien tappartjeni għan-nofs indiviż tagħha lill-istess attriċi u għan-nofs indiviż l-ieħor lill-eredi ta’ Maria Grazia Mallia Tabone;*
>
> *ii. Tiddikjara u tiddeċiedi wkoll li dawk fost il-konvenuti li huma d-dixxendenti ta’ kuġini ta’ Maria Grazia Mallia Tabone li mietu qabilha ma humiex eredi ta’ l-istess Maria Grazia Mallia Tabone;*
>
> *iii. Tillikwida l-assi formanti l-proprjetà spettanti t-titolu fewdali tal-Markeżat u Fewdu tal-Fiddien, fuq imsemmi;*
>
> *iv. Taqsam l-istess assi f’dawk il-porzjonijiet li jistħoqqu u li għandhom jiġu assenjati lil min mill-partijiet jispettaw skont il-liġi;*
>
> *v. Tordna l-bejgħ b’liċitazzjoni tal-immobbli li jirriżultaw li mhumiex komodament diviżibbli jekk dan ikun neċessarju għall-qsim mitlub; u*
>
> *vi. Taħtar Nutar biex jippubblika l-att ta’ qsim, u kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-att;*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni".*

4. Il-konvenuti ressqu b'kollox seba' risposti maħlufa, *viz*. il-konvenuti Grace Żammit *et* fid-9 ta' Marzu, 2009 (ara paġna 73 tal-atti tal-kawża), il-konvenuti Victor Mintoff *et* fl-10 ta' Marzu, 2009 (ara paġna 76 tal-atti tal-kawża), il-konvenuti Tabib Joseph Xuereb *et* fil-11 ta' Marzu, 2009 (ara paġni 79A u 80 tal-atti tal-kawża), il-konvenuti John M. Gatt *et* fit-13 ta' Marzu, 2009 (ara paġna 100 tal-atti tal-kawża), il-konvenuti Frances Vassallo *et* fit-13 ta' Marzu, 2009 (ara paġna 104 tal-atti tal-kawża), il-kuraturi deputati fis-17 ta' Marzu, 2009 (ara paġna 106 tal-atti tal-kawża) u l-konvenuti Joseph Gatt *et* fil-21 ta' Frar, 2012 (ara paġna 195 tal-atti tal-kawża);

5. Uħud mill-konvenuti sostnew fir-risposti tagħhom illi jaqblu li għandu jkun hemm il-qasma tal-ġid komuni, filwaqt li l-konvenuti Tabib Joseph Xuereb *et* u Frances Vassallo *et* qalu li l-attriċi għandha tipprova li għandha interess ġuridiku biex tressaq il-kawża;

6. B'digriet tas-27 ta' Frar, 2012 (ara paġna 200 tal-atti tal-kawża), Raphael Fenech Adami, Maria Victoria Tua u Joseph Fenech Adami tħallew ikomplu l-kawża minflok Myriam Fenech Adami li mietet waqt li kienet miexja l-kawża;

7. B'verbal tad-19 ta' Ġunju, 2016 (ara paġna 375 tal-atti tal-kawża), il-partijiet qablu li l-ewwel għandha tingħata sentenza preliminari dwar l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi. L-ewwel talba hija biex l-atturi jiġu ddikjarati li għandhom nofs sehem mhux maqsum fuq il-ġid li jagħmel parti mill-fewdu tal-Fiddien u t-tieni talba hija biex jiġi ddikjarat li wħud mill-konvenuti m'għandhomx jitqiesu bħala l-werrieta ta' Maria Grazia Mallia Tabone;

8. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 2017, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet kemm it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Tabib Joseph Xuereb *et* li tinsab f'paġna 79A tal-atti tal-kawża, kif ukoll ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti Frances Vassallo u Maria Assunta Tombion, li tinsab f'paġna 104 tal-atti tal-kawża u sabet li l-atturi ma kellhomx interess ġuridiku li jissoktaw b'din il-kawża. Għalhekk l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ talbiet attriċi fuq il-bażi ta' nuqqas ta' interess ġuridiku;

9. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet li l-atturi ma setgħux jimxu b'din il-kawża kienu dawn:

> *"Illi rigward il-kostituzzjoni tal-fewdu in diżamina issir biss referenza fir-rigward f'korrispondenza bejn ir-rappreżentanti legali tal-partijiet datata d-29 t'April, 1976, (ara foll 295);*
>
> *Illi nonostante li l-abbli rappreżentanti legali tal-partijiet f'dak il-perjodu partikolari għaddew din il-kopja tal-kostituzzjoni tal-fewdu minn wieħed għall-ieħor, ir-rikorrenti ma jirriżultawx li ippreżentaw kopja tal-istess fl-atti in diżamina;*
>
> *Illi mix-xhieda tad-deputat librar fil-Librerija Nazzjonali li ppreżentat fotokopja ta' dokument fir-rigward, (ara foll 230), li kien intiż li jitfa' xi*

*dawl oġġettiv fuq it-titolu in diżamina jingħad li l-istess dokument mhux tajjeb biżżejjed biex jinqara nonostante l-isforzi li saru biex jiġi deċifrat, u konsegwentement ma jitfa' l-ebda dawl fir-rigward;*

*Illi di più, ir-rikorrenti jirriżulta li naqsu wkoll li jipprovdu traduzzjoni tal-istess u konsegwentement l-istess dokument m'għandu l-ebda valur probatorju, u konsegwentement din il-qorti ma tistax tistrieħ fuqu;*

*Illi in vista tal-premess r-rikorrenti naqqsu li jipprovaw li dan it-titolu minnhom vantat kien wieħed ta' natura fewdali deskritt bħala "individwu";*

*Illi għalhekk għandu japplika l-artiklu 3 tal-Kap 130 fuq riferit u r-regola dwar il-fedekommess sempliċi, li wara li dan il-fedekommess ġie hekk statutorjament abolit: "...il-ġid sa dakinhar marbut bihom isir tal-possessur ta' dak il-gid mobbli u immobbli, ħieles minn kull xkiel iżda b'dawk il-piżijiet, ipoteki awtorizzata u djun li kienu jolqtu l-ġid imxekkel";*

*Illi konsegwentement, jirriżulta li b'effett tal-istess, il-proprjetà tal-fewdu in diżamina għaddiet kollha kemm hi għand l-eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone li kienet l-eredi tal-Markiz Nicola Mallia Tabone;*

*Illi in vista tal-premess, it-talba tar-rikorrenti għad-dikjarazzjoni li r-rikorrenti huma komproprjetarji mal-eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone għandha tiġi respinta;*

*...*

*Illi riaffermati l-prinċipji fuq riferiti, jingħad li ġialadarba ġie deċiz li għandha tiġi respinta l-ewwel talba tar-rikorrenti stante li l-proprjetà kolpita bil-fewdu in diżamina għaddiet kollha kemm hi għand l-eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone – li min-naħa tagħha kienet l-eredi appożitament designata mill-Markiz Nicola Mallia Tabone – allura għandu jkun paċifiku wkoll li r-rikorrenti mhumiex komproprjetarji tal-proprjetà in dizamina flimkien mal-eredi tal-imsemmija Maria Grazia Mallia Tabone, u għalhekk, it-tieni (2) talba tar-rikorrenti biex jiġu esklużi l-premorjenti mill-istess ereditá ma treġġix;*

*Illi in vista tal-premess ir-risposti tal-intimati indikati a fol 79A u a fol 104 għandhom jiġu akkolti stante li għar-ragunijiet fuq esposti jirriżulta karenza ta' interess ġuridiku da parte tar-rikorrenti fir-rigward;*

*Illi konsegwentement jiġi sottolineat li allura r-rikorrenti ma għandhomx interess ġuridiku kif rikjest mil-liġi biex jindirizzaw din il-proċedura fil-konfront tal-intimati stante li għalhekk, it-tieni talba vantata mir-rikorrenti tispetta u tikkonċerna biss lill-eredi ta' l-imsemmija Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone – li fuqha r-rikorrenti*

> *ma jivvantaw l-ebda interess ġuridiku kif rikjest mil-liġi u mill-ġurisprudenza kospikwa fuq ċitata;*
>
> *Illi għalhekk, għar-raġunijiet fuq elenkati, anke din it-talba sottomessa mir-rikorrenti għandha tiġi respinta";*

10. L-atturi appellaw minn din is-sentenza u ressqu żewġ aggravji biex titħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti;

11. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi appellanti jsostnu li s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet kontradittorja għaliex hi ma setgħetx tgħid li ma ġiex ippruvat li kien ġie maħluq titlu fewdali u fl-istess waqt tgħid li jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-**Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta**;

12. Fil-fehma tal-atturi, l-Ewwel Qorti ma setgħetx iddur fuq id-dispożizzjonijiet tal-**Kap 130** u tal-**Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta** mingħajr l-eżistenza tal-fewdu. Huma jżidu li fil-każ tagħhom huma rnexxilhom jippruvaw li kien hemm tabilħaqq fewdu, li t-titlu tiegħu spiċċa għand il-Markiż Salvatore Caruana Dingli, bil-barka tal-Kumitat tal-Privileġġi Nobbiljari ta' Malta. Għalhekk billi skont l-atturi l-fewdu kien wieħed indiviżibbli, allura bit-tħaddim tal-**Artikolu 3 tal-Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta**, nofs il-ġid li jaqa' taħt il-fewdu kellu jitqies li huwa tagħhom bħala werrieta tal-Markiż Salvatore Caruana Dingli u n-nofs l-ieħor tal-werrieta ta' Maria Grazia Mallia Tabone. Minħabba f'hekk huma jtennu li l-ewwel talba kif imressqa fir-rikors maħluf għandha tiġi milqugħa;

13. Fit-<u>tieni aggravju</u> tagħhom, l-atturi appellanti jgħidu li ladarba l-ewwel talba għandha tintlaqa' għaliex huma komproprjetarji, allura s-sentenza appellata għandha titħassar fejn ċaħdet it-tieni talba biex jiġu stabbiliti min għandhom jitqiesu bħala l-werrieta ta' Maria Grazia Mallia Tabone. L-atturi jitolbu għalhekk biex din il-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi din it-talba tar-rikors maħluf, flimkien mat-talbiet l-oħra tar-rikors maħluf;

14. Il-konvenuti John M. Gatt *et* wieġbu għal dan l-appell fil-21 ta' April, 2017, u qalu biss li s-sentenza appellata hija tajba u għalhekk din jixirqilha li tibqa' fis-seħħ;

15. Il-konvenuti Carmela Fenech *et* wieġbu fl-4 ta' Mejju, 2017, u l-konvenuti Nazzareno Grima *et* wieġbu fis-19 ta' Mejju, 2017. Fir-risposti tal-appelli kważi identiċi tagħhom, dawn il-konvenuti jgħidu li ma nġabet l-ebda prova li l-fewdu kien wieħed indiviżibbli. Barra minn hekk, huma jgħidu li meta daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-**Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta** fl-1969, il-ġid soġġett għall-fewdu ġie meħlus kollu kemm hu favur il-Markiż Nicola Mallia Tabone, b'dana li wara mewtu l-ġid tiegħu ġie regolat biss bis-suċċessjoni tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi Ċivili**. Iżidu wkoll li l-Kumitat tal-Privileġġi tan-Nobbli Maltija ma kellux is-setgħa li jiddetermina kwistjonijiet dwar trasmissjoni ta' ġid wara d-dħul fis-seħħ tal-**Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta**. Minħabba f'hekk, huma

jemmnu li l-ewwel aggravju għandu jitwarrab. Dwar it-tieni aggravju, dawn l-appellati jgħidu li la l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku fil-kawża allura huma ma jistgħux ifittxu dikjarazzjoni ġudizzjarja biex jiġi stabbilit min għandhom jitqiesu bħala l-werrieta ta' Maria Grazia Mallia Tabone;

16. Inżamm smigħ fl-**<u>14 ta' Ġunju,2022,</u>** u dakinhar l-avukati tal-partijiet qalu li huma m'għandhomx x'iżidu mal-atti bil-miktub. Minn hemm il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza għal-lum;

***Konsiderazzjonijiet***

17. Il-kwistjoni li trid tiddeċiedi din il-Qorti fl-**<u>ewwel aggravju</u>** huwa jekk l-atturi appellanti għandhomx jiġu meqjusa bħala sidien ta' nofs sehem mhux maqsum ta' ġid li jagħmel parti mill-fewdu tal-Fiddien;

18. L-Ewwel Qorti kkonkludiet fis-sentenza tagħha li għalkemm fl-atti tal-kawża saret referenza għal dan il-fewdu, madankollu ma nġabet l-ebda kopja tal-ħolqien tiegħu. Tgħid ukoll li għalkemm ġie mħarrek rappreżentant tal-Librerija Nazzjonali biex jippreżenta dokument biex jixħet dawl fuq il-kwistjoni, madankollu d-dokument ippreżentat minnu ma setax jinqara. Għalhekk billi l-Ewwel Qorti dehrilha li ma nġabet l-ebda prova li kien hemm fewdu indiviżibbli, hija qatgħetha li l-atturi ma

ppruvawx il-każ tagħhom li għandhom sehem fuq nofs il-ġid tal-fewdu;

19. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-prinċipju ewlieni fil-qasam tal-għarbiel tal-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Huwa tabilħaqq obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti li jressaq id-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu (ara ***Middlesea Insurance plc v. Spot On Gypsum Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021). Minbarra dan, l-**Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** jipprovdi li quddiem il-Qorti għandha dejjem tinġieb l-aħjar prova. F'dan is-sens mhuwiex dmir tal-Qorti li tistaqsi hija lill-parti attriċi biex tressqilha l-aħjar provi u lanqas ma huwa xogħolha li, fejn il-provi mressqa ma jkunux tajbin, tipprova tfittex hi minn rajha ħwejjeġ li l-parti nnifisha tkun naqset li tressaq quddiemha (ara ***Nicola Ċiantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2009, u ***Kristinu Grech v. Anthony Bartolo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 1998);

20. Għalkemm huwa minnu li dina d-dispożizzjoni tal-liġi timponi fuq il-Qorti d-dmir illi tesiġi illi tinġieb l-aħjar prova, b'danakollu huwa veru wkoll illi huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tiddetermina f'kull kawża partikolari u skont iċ-ċirkostanzi pertinenti għal dik il-kawża, liema prova tilħaq il-grad illi jista' jissejjaħ "*l-aħjar*" (ara ***Costantino Abela v. George Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005). Kemm hu hekk, hemm

qbil fil-ġurisprudenza tagħna li jista' jkun hemm ċirkostanzi speċjali li jistgħu jiġġustifikaw lill-Imħallef biex ma joqgħodx fuq l-aħjar prova iżda joqgħod fuq provi oħra li jissodisfawh (ara ***Maria Cassano et v. Filippo Pellegrini et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' April, 1937, u ***Dentrade Company Limited v. Jason Briffa et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2008);

21. Hekk pereżempju fis-sentenza ***Maria Edwina Spiteri v. Yvonne Mckinnon*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2007, ingħad,

> "*illi l-mankanza ta' esibizzjoni tad-dokumenti mhux bilfors u dejjem titraduċi ruħha fin-nuqqas ta' prova ta' l-allegazzjoni asserita. Dan għaliex it-testimonjanza tal-partijiet u dik tax-xhieda tikkostitwixxi mezz ta' prova u tidħol fost il-provi kostitwenti skond ir-rit proċedurali in kwantu, meta hekk jitqies li hu l-każ, dik it-testimonjanza u dik ix-xhieda hi garanzija ta' attendibilità u ta' objettività tad-dikjarazzjonijiet li jsiru, dment, s'intendi, ma jkunux sodisfaċentement attakkati jew kontraddetti. Naturalment ukoll, mhux bilfors jassumu valur ta' prova pjena għax kollox jiddependi mill-konvinċiment tal-ġudikant*";

22. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, il-Qorti ma tarahiex bħala xi ħaġa ta' barra minn hawn li l-atturi ma rnexxilhomx jippreżentaw kopja tal-kostituzzjoni oriġinali tal-fewdu. Wara kollox, hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar fewdu li ġie maħluq mill-Granmastru De Rohan fl-1785. Din il-Qorti għalhekk tqis li huwa skużabbli li l-atturi ma kellhomx f'idejhom kopja oriġinali ta' dokument li jmur lura saħansitra sa tliet sekli ilu;

23. Lil hemm minn dan, din il-Qorti xorta waħda tħoss li l-Ewwel Qorti kienet iebsa wisq meta qabdet u tajret 'il barra l-kawża tal-atturi fuq ir-

raġuni biss li ma nġabitx prova tajba dwar il-ħolqien tal-fewdu. Dan qed jingħad għal għadd ta' raġunijiet li sejrin jissemmew;

24. Ibda biex, ħadd mill-konvenuti fis-seba' tweġibiet maħlufa tagħhom ma qanqal xi dubju dwar l-eżistenza tal-fewdu tal-1785; anzi jirriżulta li l-konvenuti wkoll qegħdin jivvantaw li għandhom titlu wara li nħoloq il-fewdu fl-1785. Tassew fejn mhumiex qegħdin jaqblu l-atturi u wħud mill-konvenuti huwa jekk il-fewdu għandux jitqies bħala wieħed indiviżibbli jew diviżibbli għall-għanijiet tal-**Kap 130** u tal-**Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta**;

25. B'żieda ma' dan, il-prova tal-ħolqien tal-fewdu fl-1785 tista' titnissel *aliunde* mid-dokumenti li ġew ippreżentati mid-Deputat Librar fil-Librerija Nazzjonali, Joanne Sciberras. Id-Deputat Librar, li hija xhud newtrali fil-kawża, ippreżentat dokument meħud minn volum 599 tal-arkivju tal-Ordni Militari ta' San Ġwann, li qiegħed fil-Librerija Nazzjonali, li juri minuti li jitkellmu dwar it-titlu tal-Markiż tal-Fiddien (ara paġna 228 tal-atti tal-kawża);

26. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li dan id-dokument ma jiswa għalxejn minħabba li ma setax jinqara u minħabba li ma ġiex maqlub għall-Malti. Huwa minnu li kien ikun ħafna aħjar li kieku dan id-dokument ġie mressaq f'sura u f'ilsien li seta' jinqara, imma b'daqshekk dan ma jfissirx li dan id-dokument ma jitfa' l-ebda dawl fil-

kwistjoni jew li dan id-dokument m'għandu l-ebda valur probatorju. Mod ieħor anzi, din il-Qorti tħoss li ma hemmx raġuni tajba għalfejn hija m'għandhiex toqgħod fuq dak maħluf mid-Deputat Librar fil-Librerija Nazzjonali, meta qalet li dan id-dokument fih il-minuti dwar il-fewdu tal-Fiddien, ladarba ħadd mill-partijiet ma merieha jew talab li dan id-dokument għandu jiġi tradott;

27. Barra minn hekk, l-istess xhud (ara paġna 237 tal-atti tal-kawża) ippreżentat korrispondenza bl-isem ***Certain Grievances Complained of By the Nobility of Malta***, li kienet ġiet mgħoddija f'Awwissu 1876 lill-Parlament Ingliż, fejn fiha hemm imniżżel li, "*The thirteenth title in order of date is the Marquisate of the Fued Fiddien, conferred by Grand Master De Rohan upon Salvatore Mallia Tabone, by patent of the 15th October 1785*" (ara paġni 231 u 232 tal-atti tal-kawża). Dan id-dokument ikompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti, li tassew kien inħoloq fewdu fl-1785 għaliex inkella dan ma kienx ikollu għalfejn jissemma f'dan id-dokument mibgħut lill-Parlament Ingliż;

28. Hemm ukoll dokument ieħor f'paġna 223 tal-atti, maħruġ fl-1 ta' April, 1976, mid-Dipartiment tal-Manuskritti fi ħdan il-Librerija ta' Malta, li jiċċertifika li huma għandhom manuskritt tal-1785 li jgħid li Salvatore Angelo Mallia Tabone kien ingħata l-Markeżat u l-fewdu tal-Fiddien;

29. Fl-aħħar nett, li dan il-Markeżat tal-Fiddien kien jeżisti, jitnissel ukoll mill-fatt li dan il-Markeżat ġie rikonoxxut mill-Kumitat tal-Privileġġi Nobbiljari ta' Malta permezz ta' ittra tal-25 ta' Ġunju, 1975 (ara paġna 12 tal-atti tal-kawża). Li kieku dan il-Markeżat ma kienx jeżisti, dan il-Kumitat kien jaħsel idejh u jgħid li dan il-Markeżat ma jeżistix. Iżda l-fatt li dan il-Kumitat qal li t-titlu jeżisti u li dan għandu jitqies li jinsab fil-pussess tal-Markiż Salvatore Caruana Dingli jkompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li tabilħaqq kien jeżisti dan il-fewdu;

30. Din il-Qorti għalhekk fuq dawn il-konsiderazzjonijiet meħuda mill-provi mressqa fl-atti, tasal biex taqbel mal-atturi appellanti li l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx b'mod tajjeb meta qalet li l-atturi ma ppruvawx l-eżistenza tal-fewdu;

31. Dan il-fatt waħdu pero` ma jfissirx li l-ewwel talba tar-rikors maħluf hija mistħoqqa, kif hekk isostnu l-atturi appellanti fl-ewwel aggravju tagħhom. Din il-Qorti jeħtiġilha teżamina jekk l-atturi għandhomx jedd ta' nofs sehem maqsum fuq il-fewdu skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kap 130** u tal-**Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta**;

32. Biex twieġeb tajjeb fuq din il-kwistjoni, il-Qorti tħoss li hemm bżonn li l-ewwel hija tindirizza ftit l-iżvilupp legali tal-istitut tal-fewdu f'Malta;

33. Il-fewdi (bl-Ingliż magħrufa bħala *feudal lands* jew *fiefs*) kienu oriġinarjament meded ta' art li kienu jingħataw mill-ħakkiema tal-pajjiż lil ċertu individwi għas-servizzi militari li jkunu pprovdewlhom. Mill-għoti ta' dawn il-fewdi tnisslet l-aristokrazija u n-nobbilita` f'pajjiżna. Kemm hu hekk, meta l-ħakkiem kien jagħti art lil xi ħadd, dak li kien jirċievi l-art jew il-fewdu kien jikseb ukoll it-titlu ta' nobbilita`;

34. Tajjeb li jingħad li kien komuni ħafna li l-fewdu jkun suġġett għal fedekommess. Il-fedekommess fil-fatt sa minn żmien il-Medju Evu f'Malta seta' jinħoloq kemm fuq art fewdali u kif ukoll fuq art li ma tkunx fewdali. Fedekommess fuq art fewdali kien ifisser li min kien jirċievi l-fewdu ma setax jiddisponi kif irid mill-ġid miżmum bil-fewdu, la tul ħajtu u lanqas wara mewtu; iżda l-pussessur ta' dak il-fewdu kien marbut li jżomm dak il-ġid fi ħdan il-familja tiegħu. Tali rabta kienet torbot mhux biss lill-pussessur attwali tal-fewdu imma anke lill-pussessuri ta' ġenerazzjonijiet futuri;

35. Skont l-**Artikolu XVIII tal-Ktieb IV Kapitlu III** tal-***Codice Municipale di Malta*** (aktar magħruf bħala l-***Còde de Rohan***), li ġie promulgat mill-Granmastru de Rohan fl-1784,

> "*I feudi si dovranno regolare secondo le leggi della loro investitura riguardo anche alle doti*";

36. Interessanti pero` li skont ġurisprudenza antika, il-qrati tagħna

saħqu li fewdi u fedekommess m'għandhomx jitqiesu li għandhom jiġu regolati bl-istess liġijiet. Dwar fewdi ngħad li barra mill-kundizzjonijiet tal-investitura tagħhom, il-fewdi kellhom jiġu regolati wkoll mil-liġijiet ta' Sqallija (ara ***Sceberras Trigona Testaferrata Falzon Dorell v. Sceberras D'Amico*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Awwissu, 1885 u ***Formosa Montalto v. Attard Montalto*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 1885);

37. Bl-**Ordinanza IV tal-1864**, ġie ddikjarat li ma setgħux jinħolqu aktar fedekommessi fil-futur. Baqgħu validi pero` dawk il-fedekommessi ġa maħluqa. Żmien wara mbagħad, fil-5 ta' Mejju, 1950, bl-**Att Dwar il-Ħelsien Mill-Vinkolu ta' Ġid Marbut B'Fedekommess (Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta)**, il-Parlament Malti ddeċieda li jwaqqaf u jħassar kull forma ta' fedekommess eżistenti fuq mobbli u mmobbli. B'dan it-tħassir il-ġid mobbli u mmobbli kollu ġie meħlus minn kull rabta tal-fedekommess;

38. Fil-*proviso* tal-**Artikolu 3 tal-Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda ġie mniżżel li jekk il-fedekommess kien wieħed <u>indiviżibbli</u> (jiġifieri fuq persuna waħda), allura nofs il-ġid immobbli li kien maħkum bil-fedekommess kellu jmur għand min fil-5 ta' Mejju, 1950, kellu l-pussess ta' dak il-ġid; filwaqt li n-nofs l-ieħor tal-immobbli kellu jmur għand l-imsejjaħ, *viz.* Il-bniedem, illi bl-att tat-twaqqif ta' fedekommess, kien ikun imissu li jidħol fit-tgawdija tal-ġid immobbli marbut b'dak il-fedekommess,

mill-jum tal-mewt tal-possessur ta' dak il-ġid;

39. Ġara issa li fil-każ ***Chesney Sceberras D'Amico v. Onor Cuschieri noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ġunju, 1957, qamet kwistjoni dwar jekk l-**Att Dwar il-Ħelsien Mill-Vinkolu ta' Ġid Marbut B'Fedekommess (Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta)** kellux jgħodd ukoll għall-fewdi li kienu maħkuma bil-fedekommess. Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li din il-liġi ma kinitx tapplika fil-konfront ta' fewdi għaliex il-liġi kienet issemmi biss fedekommess. Għalhekk il-fewdi ma ġewx milquta bil-**Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta**;

40. Wara din is-sentenza, eżattament fil-21 ta' Novembru, 1969, il-Parlament Malti għadda l-**Att dwar l-Estensjoni tal-Ħelsien Mill-Vinkolu ta' Ġid Marbut B'Fedekommess Għal Proprjeta` Miżmuma B'Fewdu (Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta**). Skont din il-liġi l-fewdu kellu jispiċċa b'seħħ mill-21 ta' Novembru, 1969, bl-istess mod bħall-fedekommess skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta**;

41. Fl-isfond ta' dan l-iżvilupp storiku-legali, il-Qorti tista' tmur lura għall-każ li għandha quddiemha;

42. Kif ingħad aktar kmieni, din il-Qorti sabet li f'dan il-każ kien hemm tassew fewdu li ġie maħluq mill-Granmastru De Rohan fl-1785. Li trid

tara l-Qorti huwa jekk dan il-fewdu kienx soġġett għal fedekommess indiviżibbli jew le, u allura jekk jgħoddx il-*proviso* tal-**Artikolu 3 tal-Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta** fuq imsemmi jew le;

43. Huwa magħruf li l-fedekommess jista' jieħu s-sura individwali jew indiviżibbli, jew inkella jieħu s-sura dividwali jew diviżibbli. F'dan ir-rigward insibu miktub fin-***Novissimo Digesto Italiano (Vol. VII p. 200)*** li,

> *"Il fedecommesso individuo rappresentò il massimo grado di sviluppo dell'istituto. Con esso si evitava non soltanto l'uscita del patrimonio dalla famiglia, ma anche il suo frazzionamento tra i figli e i discendenti o parenti del testatore";*

44. Jingħad dejjem fin-***Novissimo Digesto Italiano (Vol. VII P. 201)*** li każ klassiku ta' fedekommess individwali huwa dak tal-primoġenitura jew tal-uniġenitura. F'qagħda bħal din, il-pussessur tal-ġid miżmum b'fedekommess dejjem jibqa' l-ewwel wild ta' kull ġenerazzjoni. L-għan wara l-fedekommess indiviżibbli huwa li l-ġid jibqa' dejjem miżmum għand persuna waħda.

45. Fil-każ tagħna jekk wieħed iħares lejn id-dokument (ara paġna 232 tal-atti tal-kawża) imsejjaħ ***Certain Grievances Complained of By the Nobility of Malta***, li kienet ġabra ta' korrispondenza li ġiet mgħoddija f'Awwissu 1876 lill-Parlament Ingliż, wieħed isib imniżżel hekk:

> *"The thirteenth title in order of date is the Marquisate of the Fued Fiddien, conferred by Grand Master De Rohan upon Savatore Mallia Tabone, by patent of the 15th October 1785. The terms of the patent are identical with those of the three preceding grants of Barone Azzopardi, Marchese Barbaro, and Conte Gatt, and it contains no*

> *designation of children or descendants, but only the name of the person ennobled "Tibi donamus ac te Marchionis hujusmodi titulo decoramus . . . "*
>
> *This title was also taken by the Grand Master to be personal to the grantee, for, after the grant, the Marchese Salvatore presented a petition praying that, in consideration of the merits of his ancestors, the grant might be made to extend to his legitimate and natural male descendants successively, and in default of male issue to his female descendants; and by a rescript of the 15th June 1793, the request was partly complied with, in the following terms: "Fiat pro primogenitis maribus tantum."*
>
> *The gentleman who claims the present, title is Salvatore Mallia Tabone, grandson of the first titled person, as appears from the documents he has produced, and he is the first born descendant in the primogenial line of the grantee. We think therefore that the claimant has made out his right, and will, consequently, be referred to in our list as "Salvatore Mallia Tabone Marchese del Fiddien""*

46. Kif wieħed dlonk jista' jintebaħ minn qari ta' din silta, il-Granmastru De Rohan ried li oriġinarjament il-fewdu tal-Fiddien ikun wieħed personali li jkun marbut biss mal-persuna ta' Salvatore Mallia Tabone li ġie dekorat bit-titlu tal-Markeżat (*Tibi donamus ac te Marchionis hujusmodi titulo decoramus)*. Madankollu wara petizzjoni magħmula aktar tard minn Salvatore Mallia Tabone stess, il-Grammastru aċċetta fil-15 ta' Ġunju, 1793, li l-fewdu jiġi estiż ukoll *Fiat pro primogenitis maribus tantum*, li maqlub għall-Malti jfisser li l-fewdu għandu jiġi estiż biss għall-ewwel wild maskili;

47. Jirriżulta li dan kollu jinsab konfermat ukoll f'paġni 30 u 31 ta' ***Volume I of the Genealogy and Heraldings of the Noble Families of Malta*** miktub minn **Charles A. Gauċi** (paġna 260 tal-atti tal-kawża) fejn jgħid hekk:

*"Marquis of Fiddien*
*(Caruana-Dingli)*

*Granted to: Salvatore Mallia-Tabone (A descendant of Agostino Tabone who distinguished himself in the Great Siege of 1565)*

*By: Grand Master Emanuel de Rohan-Polduc.*

*On: 15th October 1785*

*This title was initially granted ad personam (Malta Library AM 599 minut. 1785 Vol 2 ff 263r – 264v). The Marquis later petitioned the Grand Master for the grant to be extended to his legitimate and natural descendants successively and in default of male issue to his female descendants (Correspondence and Report of the Commission appointed to inquire into the claims of the Maltese Nobility', HMSO 1878 section I no. XIII para 68 page 17). On 15th June 1793, the Grand Master issued a rescritto extending the title to the grantee's first-born male descendants only (Malta Library AOM 615 minut 1793 Vol 2 f 167.*

*Feudal Tribute: a bouquet of flowers on every anniversary of the grant.*

*British Crown Recognition: 1878 ((i) as (3) Appendix I no. 13 page 51, (ii) ibid. 'no 4' (30th April 1878) para 1 et seq. pages 59-60 and (iii) Malta Government Gazette No. 2769 22nd May 1878)"*

48. Dan kollu jagħti x'jifhem lil din il-Qorti, li bla dubju ta' xejn, it-tip ta' fedekommess fewdali li għandna hawnhekk huwa wieħed individwali jew indiviżibbli għaliex ma jistax ikun hemm aktar minn pussessur wieħed. Il-pussessur tal-fewdu tal-Fiddien għandu dejjem ikun l-ewwel wild maskili;

49. Terġa' u tgħid, li dan il-fedekommess fewdali kien wieħed indiviżibbli joħroġ ukoll mill-fatt li l-partijiet jaqblu li meta fil-21 ta' Novembru, 1969, il-Parlament Malti għadda l-**Att dwar l-Estensjoni tal-Ħelsien Mill-Vinkolu ta' Ġid Marbut B'Fedekommess Għal Proprjetà Miżmuma B'Fewdu (Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta)**, il-pussessur tal-

fewdu kien wieħed biss, jiġifieri l-Markiż Nicola Mallia Tabone;

50. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti qiegħda ssib li l-fewdu mertu ta' din il-kawża għandu jitqies bħala wieħed indiviżibbli u għalhekk bit-tħaddim tal-**Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta**, jgħodd għalih il-*proviso* tal-**Artikolu 3 tal-Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta**;

51. Issa skont dan il-*proviso*, il-ġid immobbli maħkum minn fedekommess indiviżibbli għandu jinqasam hekk: nofsu għandu jmur għand min kellu l-pussess tagħhom fil-21 ta' Novembru, 1969, u n-nofs l-ieħor għandu jmur għand il-bniedem, illi bl-att tat-twaqqif ta' fedekommess, kien ikun imissu li jidħol fit-tgawdija tal-ġid immobbli marbut b'dak il-fedekommess, mill-jum tal-mewt tal-possessur ta' dak il-ġid;

52. Fil-każ tagħna l-pussessur tal-fewdu fil-21 ta' Novembru, 1969, kien il-Markiż Nicola Mallia Tabone. Dan il-Markiż miet fid-19 ta' Marzu, 1973 (ara ċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu f'paġna 11 tal-atti tal-kawża) u għalhekk il-werrieta tiegħu għandhom ikunu intitolati għal nofs il-ġid immobbli li kien miżmum bil-fedekommess. Il-werrieta tal-Markiż Nicola Mallia Tabone kienet oħtu Maria Grazia Mallia Tabone. Din Maria Grazia Mallia Tabone mietet fid-29 ta' Mejju, 1983 (ara ċ-ċertifikat tal-mewt tagħha f'paġna 18 tal-atti tal-kawża) u b'testment tas-17 ta' Jannar, 1980,

hija ħalliet bħala werrieta tagħha f'ishma ndaqs u mhux maqsuma bejniethom (*per capita*) lill-primi kuġini paterni u materni taghha (minbarra l-prima kuġina tagħha Maria Assunta Grima) u lil Joseph, Antoine u Rosa mart Mario Galea Testaferrata, ulied il-mejjet Avukat Dottor Salvatore Xuereb, u lid-Dottoressa Ena Cremona, armla tat-Tabib Dottor Cremona, u lil Doris, Teresa, Natalina, Nazzareno, Alessio u Filomena ulied l-imsemmija Maria Assunta Grima, bis-sostituzzjoni tal-ulied u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom (ara paġni 13 sa 17 tal-atti tal-kawża);

53. Mill-banda l-oħra, '*l-imsejjaħ*' jew il-bniedem li kien imissu jidħol fit-tgawdija tal-ġid fewdali wara l-Markiż Nicola Mallia Tabone jidher li kien il-Markiż Salvatore Caruana Dingli;

54. Li dan il-Markiż Salvatore Caruana Dingli kellu jitqies li kien is-suċċessur fit-titlu fewdali tal-Markiż Nicola Mallia Tabone joħroġ mid-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat tal-Privileġġi Nobbiljari ta' Malta fil-25 ta' Ġunju, 1975 (ara paġna 12 tal-atti tal-kawża);

55. Ma jirriżultax mill-atti tal-kawża li xi ħadd kien attakka din id-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Privileġġi Nobbiljari ta' Malta. Mhux talli hekk, iżda talli fl-ittra tal-Professur Giuseppe Mifsud Bonniċi, li kien qiegħed jikteb f'isem uħud mill-konvenuti, mibgħuta minnu fl-14 ta' Jannar, 1977 (ara paġna 296 tal-atti tal-kawża) huwa qal ċar u tond li,

> *"Fil-meritu – il proprietà li Salvatore Caurana Dingli qed jippretendi kienet proprietà tenuta in feudo mill-Markiż tal-Fiddien. In forza tal-Artikolu 3 tal-Att XXX tal-1969 it-titolu ta' nobbiltà huwa verament tal-istess Caruana Dingli laddarba l-Kumitat tal-Privileġġi ddeċieda hekk."*

56. Il-konvenuti appellati Carmela Fenech *et* u Nazzareno Grima *et* jgħidu iżda fir-risposti tal-appell rispettivi tagħhom li l-Kumitat tal-Privileġġi tan-Nobbli Maltija ma kellux is-setgħa fl-1975 li jiddetermina kwistjonijiet dwar trasmissjoni ta' ġid wara d-dħul fis-seħħ tal-**Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta**;

57. Għalkemm huwa minnu li dan il-Kumitat ma setax jaqsam il-ġid fewdali għaliex dik kienet xi ħaġa riżervata għal dak li kienu jgħidu d-dispożizzjonijiet tal-**Kap 130** u **Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta**, madankollu d-deċiżjoni ta' dan il-Kumitat hija rilevanti għall-għanijiet biex jiġi stabbilit min għandu jitqies bħala l-imsejjaħ jew is-suċċessur tal-Markiż Nicola Mallia Tabone għall-għanijiet tal-*proviso* tal-**Artikolu 3 tal-Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta**;

58. Sewwasew fl-atti ta' din il-kawża ma tressqet l-ebda xrara ta' prova li turi li l-Markiż Salvatore Caruana Dingli ma kellux jitqies bħala l-bniedem li kien intitolat mill-ġid fewdali wara l-mewt tal-Markiż Nicola Mallia Tabone. Il-Markiż Salvatore Caruana Dingli miet fis-17 ta' April, 1983 (ara ċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu f'paġna 19 tal-atti tal-kawża) u fit-testment tiegħu tal-24 ta' Marzu, 1976, ħalla lin-neputija tiegħu Myriam Fenech

Adami bħala l-werrieta tiegħu (ara paġni 277 sa 282 tal-atti tal-kawża). Myriam Fenech Adami mietet fit-18 ta' Ġunju, 2011 (ara ċ-ċertifikat tal-mewt tagħha f'paġna 200 tal-atti tal-kawża) u wirtuha Raphael Fenech Adami, Maria Victoria Tua u Joseph Fenech Adami (ara t-tesment tagħha tal-15 ta' Jannar, 1974, f'paġni 203 sa 205 tal-atti tal-kawża);

59. Ifisser allura li qiegħda tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikors maħluf, li l-ġid immobbli li kien jifforma parti mill-fewdu tal-Fiddien għandu jitqies li huwa fil-preżent miżmum nofs bin-nofs bejn: (i) il-werrieta ta' Maria Grazia Mallia Tabone (li kienet il-werrieta tal-Markiż Nicola Mallia Tabone, li min-naħa tiegħu kien il-pussessur tal-fewdu meta għaddiet il-liġi tal-**Kap 212 tal-Liġijiet ta' Malta** fl-1969); u (ii) l-attriċi Myriam Fenech Adami bħala l-werrieta tal-Markiż Salvatore Caruana Dingli li kien meqjus bħala l-imsejjaħ għall-għanijiet tal-*proviso* tal-**Artikolu 3 tal-Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta** u wara l-mewt tal-attriċi Myriam Fenech Adami daħlu fiż-żarbun tagħha Raphael Fenech Adami, Maria Victoria Tua u Joseph Fenech Adami;

60. Fl-istess waqt qegħdin jiġu miċħuda l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Tabib Joseph Xuereb *et* li jinsabu f'paġni 79A u 80 tal-atti, l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenuti Frances Vassallo *et* li jinsabu f'paġna 104 tal-atti, l-ewwel eċċezzjoni tal-kuraturi deputati li tinsab f'paġna 106 tal-atti u l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti Joseph

Gatt *et* li jinsabu f'paġni 195 u 196 tal-atti tal-kawża, billi dawn kienu qegħdin isaqsu dwar it-titlu tal-atturi f'din il-kawża;

61. F'dan is-sens għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti qiegħed jiġi milqugħ;

62. Hekk ukoll qiegħed jiġi milqugħ it-**tieni aggravju** tal-appellanti;

63. Ladarba din il-Qorti sabet aktar 'il fuq li l-atturi appellanti huma sidien ta' nofs il-ġid immobbli li kien jaqa' fil-fewdu tal-Fiddien, allura huma għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ biex jissoktaw bit-tieni talba tagħhom tar-rikors maħluf biex jiġi ddikjarat li dawk il-konvenuti li huma d-dixxendenti tal-kuġini ta' Maria Grazia Mallia Tabone, li mietu qabilha, m'għandhomx jitqiesu bħala werrieta tal-istess Maria Grazia Mallia Tabone. Tassew l-atturi appellanti bħala sidien għandhom interess ġuridiku li jaraw li l-qasma tal-ġid immobbli, li kien jagħmel parti mill-fewdu, jinqasam biss bejn dawk li huma komproprjetarji;

64. Naturalment jekk l-atturi appellanti għandhomx raġun jew le f'din it-tieni talba tagħhom, hija xi ħaġa li għad trid tiddeċiedi l-Ewwel Qorti, wara li l-atti jerġgħu jinbagħtu lilha għad-deċiżjoni;

65. Li qed tgħid għalissa din il-Qorti huwa li l-atturi appellanti

għandhom interess ġuridiku li jressqu t-tieni talba tar-rikors maħluf u li għalhekk kemm it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Tabib Joseph Xuereb *et* li tinsab f'paġna 79A tal-atti tal-kawża, kif ukoll ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti Frances Vassallo *et* li tinsab f'paġna 104 tal-atti għandhom jiġu miċħuda;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-atturi u tħassar f'kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar, 2017. Minflok il-Qorti qiegħda: (i) tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-ġid immobbli li jaqa' fit-titlu fewdali tal-Markeżat u fil-Fewdu tal-Fiddien huwa miżmum nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-werrieta ta' Maria Grazia Mallia Tabone; (ii) tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenuti Tabib Joseph Xuereb *et*; (iii) tiċħad l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Frances Vassallo *et*; (iv) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-kuraturi deputati; (v) u tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Gatt *et*;

Minħabba li din il-kawża kienet tolqot prinċipju ta' liġi mhux tas-soltu, il-Qorti qiegħda tordna li l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mas-sentenza tal-ewwel grad u mas-sentenza tal-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna li l-atti jinbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli l-każ u taqta' u tiddeċiedi l-bqija tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet;

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da